



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 15 ta' Marzu 2017
(OR. en)**

**2015/0112 (COD)
LEX 1721**

**PE-CONS 61/1/16
REV 1**

**COMER 138
WTO 371
COLAC 107
CODEC 1925**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) NRU 19/2013 LI JIMPLIMENTA L-KLAWSOLA
TA' SALVAGWARDJA BILATERALI U L-MEKKANIŻMU TA' STABBILIZZAZZJONI
GĦALL-BANANA TAL-FTEHIM KUMMERĊJALI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI
MEMBRI TAGĦHA FUQ NAĦA, U L-KOLOMBJA U L-PERÙ FUQ IN-NAĦA L-OĦRA, U LI
JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) NRU 20/2013 LI JIMPLIMENTA L-KLAWSOLA TA'
SALVAGWARDJA BILATERALI U L-MEKKANIŻMU TA' STABBILIZZAZZJONI GĦALL-
BANANA TAL-FTEHIM LI JISTABBILIXXI ASSOĊJAZZJONI
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA,
U L-AMERIKA ĊENTRALI, MIN-NAĦA L-OĦRA**

Regolament (UE) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

tal-15 ta' Marzu 2017

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2017.

Billi:

- (1) L-Artikolu 329 tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq waħda, u l-Kolombja u l-Perù, fuq in-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”), iffirmat fis-26 ta’ Ġunju 2012 jipprevedi l-possibilità tal-adeżjoni ta’ Pajjiżi Oħra Membri tal-Komunità Andina mal-Ftehim. L-Ekwador ilu Pajjiż Membru tal-Komunità Andina mill-fondazzjoni tiegħu fl-1969.
- (2) L-Unjoni u l-Ekwador ikkonkludew in-negozjati għall-adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim fis-17 ta’ Lulju 2014. Il-Protokoll ta’ Adeżjoni għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador² (il-“Protokoll ta’ Adeżjoni”) ġie ffirmat fil-11 ta’ Novembru 2016 u qed jiġi applikat b’mod provviżorju f’konformità mal-Artikolu 27(4) tiegħu mill-1 ta’ Jannar 2017.
- (3) Wara l-iffirmar tal-Protokoll ta’ Adeżjoni, huwa meħtieġ li jiggarantixxu, fir-rigward tal-Ekwador, l-applikazzjoni effettiva tal-klawsola ta’ salvagwardja bilaterali u tal-mekkaniżmu ta’ stabbilizzazzjoni għall-banana, kif previst fil-Ftehim.

¹ ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3.

² ĠU L 356, 24.12.2016, p. 3.

- (4) Barra minn hekk, il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) għall-banana użat fl-Anness I tal-Ftehim (l-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi) jirreferi għall-kodiċi tan-NM tal-2007. L-istess kodiċi jintuża fir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Madankollu, il-kodiċi rilevanti għall-banana ġie mibdul mill-1 ta' Jannar 2012 minn 0803 00 19 għal 0803 90 10 biex jirrifletti l-emendi obligatorji tas-Sistema Armonizzata (SA). Għal raġunijiet ta' ċarezza, dik il-bidla għandha tiġi introdotta fir-Regolament (UE) Nru 19/2013 u r-Regolament (UE) Nru 20/2013 fil-parti rilevanti dwar il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana.
- (5) L-Ekwador huwa wieħed mill-produtturi u fornituri ewlenin tal-banana għall-Unjoni, flimkien mal-Kolombja. Għaldaqstant jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni attwali għall-banana jiġi estiż għall-Ekwador.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13).

- (6) Il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni ilu fis-seħħ mill-2013 u jidher li, abbażi tal-esperjenza tal-passat, il-fluss ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew jenħtiegħ jintjieb, b'mod partikolari permezz tal-inklużjoni ta' twissija bikrija meta volumi ta' importazzjoni jilhq 80 % tal-volumi ta' importazzjoni ta' skattament.
- (7) Minħabba l-interrelazzjoni mill-qrib mal-Ftehim, huwa xieraq li dan ir-Regolament jiġi applikat mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll ta' Adeżjoni.
- (8) Għalhekk jenħtiegħ li r-Regolament (UE) Nru 19/2013 u r-Regolament (UE) Nru 20/2013 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra”.

(2) Fil-punt (a) tal-Artikolu 1, fl-Artikolu 2(1), fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 5(6) u (11), fl-Artikolu 6(1), fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 9(1) u fl-Artikolu 11, il-kliem “il-Kolombja jew il-Perù” huma sostitwiti bi “il-Kolombja, l-Ekwador jew il-Perù”.

(3) Fl-Artikolu 1, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) ‘perijodu ta’ tranżizzjoni’ tfisser għaxar snin mid-data rispettiva tal-applikazzjoni tal-Ftehim, għal prodotti li għalihom l-Iskedi ta' Tneħħija tat-Tariffi għal oġġetti li joriġinaw fil-Kolombja, fl-Ekwador jew fil-Perù, kif stipulat fis-Sottotaqsimiet 1, 2 u 3 tat-Taqsima B tal-Appendiċi 1 (Tneħħija ta' Dazji Doganali) tal-Anness I tal-Ftehim (l-Iskedi ta' Tneħħija tat-Tariffi), jipprevedu perijodu ta' tneħħija tat-tariffi ta' inqas minn 10 snin, jew il-perijodu ta' tneħħija tat-tariffi u tliet snin miżjuda miegħu għal prodotti li għalihom daww l-Iskedi ta' Tneħħija tat-Tariffi tipprevedi perijodu ta' tneħħija tat-tariffi ta' 10 snin jew iżjed; il-perijodu ta' tranżizzjoni għandu jkun applikabbli għall-Ekwador mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.”.

(4) Fl-Artikolu 3(1), (3) u (4) u l-Artikolu 13(4), il-kliem “il-Kolombja u l-Perù” huma sostitwiti b’“il-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù”.

(5) Fl-Artikolu 15, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“1. Għall-banana li toriġina mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perù li taqa’ taħt l-intestatura 0803 90 10 tan-Nomenklatura Magħquda (Banana friska, minbarra pjantaġġini) u elenkata taħt il-kategorija ‘BA’ ta’ tneħħija progressiva fl-Iskeda ta’ Tneħħija tat-Tariffi fil-każ tal-Kolombja u l-Perù u l-kategorija ‘SP1’ ta’ tneħħija progressiva fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi fil-każ tal-Ekwador taħt l-intestatura 0803 00 19, għandu japplika mekkaniżmu ta’ stabbilizzazzjoni sal-31 ta’ Diċembru 2019.

2. Volum ta’ importazzjoni annwali ta’ skattament huwa stabbilit għall-importazzjonijiet tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, kif indikat fit-tieni, fit-tielet u fir-raba’ kolonni tat-tabella fl-Anness. Malli l-volum ta’ skattament għall-Kolombja, għall-Ekwador jew għall-Perù jintlaħaq matul is-sena kalendarja korrispondenti, il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura ta’ urġenza msemmija fl-Artikolu 14(4), tadotta att ta’ implimentazzjoni li permezz tiegħu hi għandha jew tissospendi temporanjament id-dazju doganali preferenzjali li jiġi applikat għall-prodotti oriġinarji korrispondenti matul l-istess sena għal perijodu ta’ mhux aktar minn tliet xhur u li ma jaqbiżx tmiem is-sena kalendarja jew inkella tiddetermina li tali sospensjoni mhijiex xierqa.

2a. Meta l-volumi tal-importazzjonijiet jilhq 80 % tal-volum ta' importazzjoni ta' skattament, kif indikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, għal waħda jew aktar mill-partijiet tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha formalment tiġbed l-attenzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-miktub. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni rilevanti dwar ix-xejriet fil-qasam tal-banana u tal-istatistika dwar l-importazzjoni dwar l-importazzjonijiet mill-pajjiżi soġġetti għall-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni u l-limiti massimi rilevanti tagħhom, sabiex jiġu antiċipati x-xejriet tal-importazzjoni matul il-bqija tas-sena kalendarja.”.

(6) L-Anness huwa sostitwit bit-test ippreżentat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 20/2013, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Għall-banana li toriġina fl-Amerika Ċentrali li taqa' taħt l-intestatura 0803 90 10 tan-Nomenklatura Magħquda (Banana friska, minbarra pjantaġġini) u elenkata fil-kategorija 'ST' fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi, taħt l-intestatura 0803 00 19 għandu japplika mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2019.

2. Volum ta' importazzjoni annwali separat ta' skattament huwa stabbilit għall-importazzjonijiet tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, kif indikat fit-tabella fl-Anness. L-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 bir-rata tad-dazju doganali preferenzjali għandha, flimkien mal-prova tal-orġini stabbilita fl-Anness II (Dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' 'prodotti oriġinarji' u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva) tal-Ftehim mal-Amerika Ċentrali, tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' esportazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-Amerika Ċentrali minn fejn jiġu esportati l-prodotti. Malli jintlaħaq il-volum tal-iskattament għal pajjiż tal-Amerika Ċentrali matul is-sena kalendarja korrispondenti, il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 14(4), tadotta att ta' implimentazzjoni li permezz tiegħu għandha jew tissospendi temporanjament id-dazju doganali preferenzjali li jiġi applikat għall-prodotti oriġinarji korrispondenti matul l-istess sena għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet xhur u li ma jaqbiżx tmiem is-sena kalendarja, jew tiddetermina li tali sospensjoni mhijiex xierqa.
- 2a. Meta l-volumi tal-importazzjonijiet jilhqqu 80 % tal-volum ta' importazzjoni ta' skattament, kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament, għal waħda jew aktar mill-partijiet tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha formalment tiġbed l-attenzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-miktub. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni rilevanti dwar ix-xejriet fil-qasam tal-banana u tal-istatistika dwar l-importazzjoni dwar l-importazzjonijiet mill-pajjiżi soġġetti għall-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni u l-limiti massimi rilevanti tagħhom sabiex jiġu antiċipati x-xejriet tal-importazzjoni matul il-bqija tas-sena kalendarja.”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Tabella li tirrigwarda l-volumi ta' importazzjonijiet ta' skattament għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana stipulata fit-Taqsima B tal-Appendiċi 1 tal-Anness I tal-Ftehim: għall-Kolombja, is-Sottotaqsima 1; għall-Perù, is-Sottotaqsima 2; u għall-Ekwador, is-Sottotaqsima 3

Sena	Volum ta' importazzjoni ta' skattament għall-Kolombja, f'tunnellati metriċi	Volum ta' importazzjoni ta' skattament għall-Perù, f'tunnellati metriċi	Volum ta' importazzjoni ta' skattament għall-Ekwador, f'tunnellati metriċi
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2017	1 822 500	93 750	1 801 788
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2018	1 890 000	97 500	1 880 127
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2019	1 957 500	101 250	1 957 500
Mill-1 ta' Jannar 2020	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli